# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-12 ta' April 2021**

**Rik. Kon. Nru : 81/2021 JPG**

**Kawza Nru : 20**

**PL**

**U**

**RM**

**Il-Qorti:**

Rikors konguntiv ta' PL u RM, datat 2 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti zzewgu nhar l-20 ta' Lulju 2002, skond kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A;*

*Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal tewmien, ML u SL ahwa L, F'X*

*Illi s-separazzjoni personali bejn il-partijiet giet regolata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef datat 15 ta' Jannar 2015 li kopja awtentikata taghha qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B;*

*Illi skont kif gie dikjarat proprju fl-anness kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu ilhom ma jghixu flimkien sa minn Lulju tas-sena 2009 u ghalhekk jirrizulta li ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn erba' snin skond kif mehtieg mill-Ligi;*

*Illi filwaqt li l-partijiet irrinunzjaw reciprokalment ghad-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin, u kwindi ma hemm ebda manteniment dovut*

*bejniethom, l-istess kuntratt ta' separazzjoni jirregola wkoll il-manteniment li jithallas ghall-ulied minuri tal-partijiet, liema manteniment jithallas regolarment u ma hemm ebda pendenzi rigward l-istess;*

*Illi llum il-gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom issa ghal diversi snin twal, tant illi jinsabu f'relazzjonijiet stabbli ma' terzi persuni, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi mill-fuq premess isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronuzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-20 ta' Lulju 2002, ai termini ta' l-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 25 ta' Marzu 2021 li permezz taghha ppresentaw l-affidavits taghhom u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 13 et seqq.);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici** xehdet (vide affidavit fol 14) illi hija izzewget lir-ragel taghha nhar l-20 ta' Lulju 2002 wara relazzjoni ta' madwar hames snin u li, minn dan iz-zwieg, twieldu tewmin, li ghadhom minuri. Xehdet illi wara disa' xhur mit-twelid taz-zewgt itfal, il-kontendenti ma baqghux jghixu flimkien, u f'Lulju 2009 bdew jghixu separatament. Ikkonfermat illi l-partijiet baqghu jghixu separatament u t-tnejn li huma ghandhom hajja separata min xulxin hlief ghal dawk ic-cirkostanzi li jirrigwardaw lil uliedhom. Xehdet illi qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar il- 15 ta' Jannar 2015 fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef. Iddikjarat li ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment versu wliedhom stante li dan dejjem thallas puntwalment u regolarment minghajr ebda problema filwaqt li versu l-kontendenti nnifishom, huma kienu rrinunzjaw ghad-dritt li jircievu manteniment kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni. Finalment sostniet illi mis-sena 2014, qatt ma rrikonciljat ma zewgha u lanqas ma hemm tama tal-istess stante li ilha f'relazzjoni stabbli mis-sena 2011.

**PL** xehed (vide affidavit fol 15) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet ir-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih***

***preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Lulju 2002, liema zwieg jgib certifikat numru 1199/2002 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg subien – tewmin fis-27 ta' Novembru 2008.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, nhar il-15 ta' Jannar 2015 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1199/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**